**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Ottubru, 2015**

**Rikors Nru: 833/2015 AF**

**E. Calleja & Sons Limited**

**vs**

**Daphne Vassallo**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Daphne Vassallo li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talbet lil din il-Qorti tordna illi l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 330/13[1] fl-ismijiet premessi jigi revokat in parte in kwantu dan jolqot l-appartament internament immarkat numru hamsa li qieghed fil-livell numru erbgha (ossia second floor) tal-blokk bini maghruf bhala Halmann Apartments liema blokk qieghed fi Triq Maestro Giuseppe Camilleri fis-Swatar B'Kara, u jibqa' in vigore in kwantu dan jolqot il-garaxx immarkat mhux ufficjalment ittra A numru A8 sitwata f'semi basement level sottopost ghall-beni ta' terzi formanti parti minn l-istess kumpless maghruf bhala Hal

[1] B'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Novembru, 2015, il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat il-korrezzjoni mitluba fejn in-numru tal-mandat ta' inibizzjoni relattiv jrid jaqra "330/03" minflok "330/13".

Mann Apartments fl-istess Triq Maestro Giuseppe Camilleri is-Swatar Birkirkara kif ahjar deskritti fl-istess mandat ta' inibizzjoni bl-ispejjez kontra l-istess socjetà attrici.

B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-esponenti skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qed isejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836 (1)(c)(e) u (f) li testwalment jipprovdi illi:

> *"(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*
>
> *(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*
>
> *(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti ddepozitat fil-Qorti garanzija bankarja fl-ammont ta' €28815.51 meta l-ammont kawtelat originarjament kien ta' Lm10,049 ekwivalenti ghal €23407.87. Is-socjetà kreditrici ssostni li sakemm hija jkollha sentenza

esigwibbli ser jilhqu joghlew hafna l-imghaxijiet u ghalhekk topponi ghar-revoka tal-mandat. F'dan però, il-Qorti ma tqisx li tista' taghtiha ragun. L-ammont minnha reklamat originarjament jinsab ben kawtelat bil-garanzija. Madankollu, xejn ma jzomm lill-kreditrici milli tikkawtela limitatament sa fejn dan jolqot t-talba, kull somma ulterjuri jekk tqis li hija gustifikata milli taghmel hekk.

Il-Qorti tqis inoltre illi l-mandat ta' inibizzjoni Nru. 330/03 ser jibqa' in vigore inkwantu jolqot sehem Daphne Vassallo minn garage stmat li jiswa €48,000, b'hekk jibqa' l-valur ta' €24,000 biex jikkawtela kull pretensjoni tal-kreditrici.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, prevja d-depozitu tal-garanzija bankarja originali, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1028/02, tilqa' t-talba u tordna r-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni Nru. 330/13[2] fl-ismijiet premessi jigi revokat in parte in kwantu dan jolqot l-appartament internament immarkat numru hamsa li qieghed fil-livell numru erbgha (ossia second floor) tal-blokk bini maghruf bhala Halmann Apartments liema blokk qieghed fi Triq Maestro Giuseppe Camilleri fis-Swatar B'Kara, u jibqa' in vigore in kwantu dan jolqot il-garaxx immarkat mhux ufficjalment ittra A numru A8 sitwata f'semi basement level sottopost ghall-beni ta' terzi formanti parti minn l-istess kumpless maghruf bhala Hal Mann Apartments fl-istess Triq Maestro Giuseppe Camilleri is-Swatar Birkirkara kif ahjar deskritti fl-istess mandat ta' inibizzjoni bl-ispejjez kontra l-istess socjetà attrici.

L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza bejn il-partijiet.

IMHALLEF

[2] B'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Novembru, 2015, il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat il-korrezzjoni mitluba fejn in-numru tal-mandat ta' inibizzjoni relattiv jrid jaqra "330/03" minflok "330/13".